A.L. 135 ta' l-2005

ATT TA' L-2005 LI JIMPLIMENTA MIŻURI TA' L-ESTIMI (ATT NRU. II TA' L- 2005)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi Għall-Ħruġ ta' Lm 25,000,000 5.7% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2012 (It-Tielet Ħruġ)

Fungibility Issue

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-2005 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi u bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi awtorizza l-ħruġ ta' Lm25,000,000 5.7% *Stock* tal-Gvern ta' Malta jiġi maħruġ kif ġej:-

1. L-i*Stock* jinħareġ skond kif stipulat fil-prospett. Mod tal-Ħruġ ta' l-i*Stock*.

2. Kull persuna u, jew enti jistgħu japplikaw għal dan l-i*Stock*. It-tqassim ta' l-i*stock* isir skond kif spjegat fil-prospett. *Policy* dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

3. (a) Skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, meta dan l-i*Stock* jiġi allokat, għandha ssir applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u sabiex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta. Negozju fil-Borża ta' Malta, Kap. 345.

(b) Fl-1 ta' Ottubru, 2005, wara l-pagament ta' l-ewwel imgħax, dan l-i*Stock* jiġi integrat ma' l-i*Stock* eżistenti 5.7% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2012 (III) u wara dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

4. Is-somma ta' flus li għandha tingħabar bl-i*Stock* hi ta' Lm25,000,000. L-*Accountant General* jirriserva d-dritt li jżid is-somma li għandha tingħabar b'massimu ta' Lm10,000,000. Somma ta' flus li għandha tingħabar.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

5. L-imgħax bir-rata ta' Lm2.85,0 għall kull Lm100 *Stock* jitħallas kull sitt xhur b'lura fit-30 ta' Marzu u fit-30 ta' Settembru ta' kull sena waqt il-kors ta' l-i*Stock*. L-ewwel ħlas prorata relattiv għall-perjodu bejn il-25 ta' Mejju, 2005 u t-30 ta' Settembru, 2005 jsir fit-30 ta' Settembru, 2005.

Fidwa ta' *Stock*.

6. L-i*Stock* għandu jiġi mifdi b'parità fit-30 ta' Settembru, 2012.